## Niċeċ fit-toroq Marsin

Studju ta' Paul Dimech

# TAL-KARMNU



Fil-Pjazza Magri nsibu niċċa l-ġmiel tagħha, b'żewġ kolonni miżmumin fuq irjus ta' l-anġli li fiha hemm l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu. Ix-xbieha tal-ġebel turi lil Marija bil-Bambin f'idha l-waħda u l-labtu tal-Karmelu fl-oħra. Din ġiet miżbugħa u quddiemha hemm fanal kbir.

In-niċċa saret għall-ħabta tal-1913 meta ġie mibni l-bini, u l-Isqof ta' Malta Mons. Pietro Pace ta l-indulġenza. Din tinsab miktuba fuq irħama taħt ix-xbieha.

Ħaġa li tiġbed l-attenzjoni hija li fuq in-niċċa nsibu l-arma 'M.' għal Marija, magħmula mill-grampuni li dari kienu jitwaħħlu magħhom it-tazzi taż-żejt biex jinxtgħelu fil-festi. Il-lum in-niċċa hija mdawla bit-tubi ta' l-elettriku.